# Dawl fid-Dlam

*(mill-ittra ta' Mons Isqof Mario Grech lill-familji fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana)*

- *Għandna familji li jgħożżu d-dawl tal-Kelma t'Alla biex ikunu jistgħu jaraw fid-dlam tal-Ħajja, anke meta l-lejl mudlam jidher tqil u twil.*

- Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku l-familji tagħna jkunu midħla tal-Iskrittura Mqaddsa billi jissieħbu f'xi għaqda jew grupp apposta li għandna fil-parroċċi u billi ta' spiss jaqraw u jitolbu permezz ta' silta mill-Iskrittura.

- *Il-Missjoni Djoċesana trid tkun ta' għajnuna biex kull familja tkebbes id-dawl.*

- Permezz tal-grazzji li ser toffri l-Missjoni, ilkoll imsejħin biex id-Dawl li ser jasal għandna jgħinna biex nikbru fil-fidi tagħna.

- *Fuq l-eżempju ta' Akwila u Prixxilla, koppja li kellha sehem importanti fil-Knisja tal-bidu, hekk il-koppji tal-lum huma msejħa biex iwasslu d-dawl tal-Kelma fil-qlub ta' familji oħra.*

- Dan jista' jsir billi bil-kelma u bl-eżempju tagħna nkunu ta' għajnuna għal dawk madwarna.

*Kan Brian Mejlak, Kappillan Parroċċa Kerċem*

## Jistgħu jinteressawk

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 14 ta' Ottubru: | Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Universita', Malta 7.15p.m.) |
| Il-Ġimgħa 17 ta' Ottubru: | Missjoni Djoċesana: L-Ewwel laqgħa ta' formazzjoni (fuq livell djoċesan) Santwarju ta' Pinu 7.00p.m. (Għal kulħadd. Mistednin b'mod partikulari l-membri tal-Għaqdiet, Saċerdoti u Reliġjużi.) |

gozopress • 21551534

## It-Talba tal-ġimgħa

l-istedina tiegħek, Mulej, hija sinjal ta' l-imħabba tiegħek lejja, biex nieħu mill-ġid li qed toffrili. Agħmel li qatt ma nwarrab is-sejħa tiegħek u li nkun dejjem imżejjen bil-libsa tal-grazzja tiegħek.

Djoċesi ta' Għawdex



# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

It-28 Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2063) • 12 ta' Ottubru 2008



### Il-mejda tiegħi lesta

Ġesù qalilhom: "Is-Saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa għat-tieġ ta' ibnu. U bagħat għall-mistednin mal-qaddejja tiegħu biex jiġu għall-festa; imma dawk ma ridux jiġu. U reġa' bagħat qaddejja oħra, u qalilhom, 'Għidu lill-mistednin: Ara, il-mejda tiegħi lesta; il-barrin u l-għoġiela msemmna diġà maqtula u kollox lest; ejjew għall-festa.' Iżda dawk ma tawx kas; min mar l-għalqa, min għan-negozju tiegħu, u l-bqija qabdu lill-qaddejja tas-sultan, żebilħuhom u qatluhom. Mela morru f'salib it-toroq u sejjħu għall-festa lil kull min issibu.' Dawk il-qaddejja ħarġu fit-triqat u ġabru lil kull min sabu, ħżiena u tajba, u s-sala mtliet bin-nies għall-mejda. Mela jidħol is-sultan ħalli jara min kien hemm fuq il-mejda, u hemmhekk lemaħ wieħed li ma kienx liebes għall-festa tat-tieġ; u qallu, 'Ħabib, dan kif dħalt hawn m'intix liebes għall-festa?' Dak tbikkem. Mbagħad is-sultan qal lil dawk li kienu qegħdin iservu, 'Orbtulu riġlejh u idejh u waddbuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien!' Għax ħafna huma l-imsejjħin, imma ftit il-magħżulin?"

**RIFLESSJONI :**

- Ġesu' jistiednek ta' spiss għall-festa tat-tieġ miegħu fl-Ewkaristija.
- Ihejjilek ikla mill-aħjar biex jaqsam il-ferħ tiegħu miegħek.
- La darba stiednek, sinjal li wera mħabba speċjali lejk.
- Kif ġibt ruħek quddiem l-istedina ta' Ġesu' ? Appezzajtha jew ma' tajtx kas tagħha.?
- Jekk mort għall-ikla miegħu, kont ippreparat tajjeb ? Kont liebes il-libsa tal-grazzja?